# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)
## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Kostituzzjonali Nru.: 271/2020 MH**

**Illum 7 ta' Ottubru, 2022**

**Diane Joelyn Portelli (K.I. 26190G)**
**vs**
**Direttur Ġenerali tal-Qrati Ċivili u Tribunali (Għawdex) u Redeemer Portelli (K.I. 327788M)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrenti Diane Joelyn Portelli tat-22 tas-17 ta' Novembru 2020** kif emendat u miżjud b'awtorizzazzjoni tal-Qorti fil-11 ta' Jannar 2021[1] permezz ta' liema ppremettiet u talbet –

1. Illi l-esponenti hija konvenuta f'kawża pendenti quddiem il-**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja** fl-ismijiet "***Redeemer Portelli -vs- Diane Joelyn Portelli***" (Rikors Numru 6/2020 MV) presjeduta mill-Maġistrat Dottor Monica Vella u liema kawża titratta minn materji li jolqtu li-żewġt ulied komuni li għandhom il-partijiet;

2. Illi nhar l-**14 ta' Awissu 2020** [**DOK. A**] l-attur f'dik il-kawża, u ċioè Redeemer Portelli, ippreżenta rikors b'urġenza li permezz tiegħu huwa

[1] Fol 75 et seq

ppremetta u allega illi t-tfal minuri, b'mod partikolari t-tifel, kellhom imġieba aggressiva meta jiġu lura għandu mill-aċċess favur l-esponenti u li saħansitra t-tifel kien aggressiv ma' misseru filwaqt li talab għalhekk illi l-kura u kustodja tal-minuri tiġi fdata lilu u li l-esponenti omm ikollha biss aċċess superviżjonat barra mid-dar tagħha;

3. Illi permezz tad-digriet tagħha [**DOK. B**], mogħti dakinhar stess, l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja laqgħet proviżorjament, **u ċioè mingħajr qas biss semgħet jew tat l-opportunità li tisma l-verżjoni tal-esponenti**, it-talba ta' Redemeer Portelli u ordnat illi, *pendente lite*, t-tfal minuri jittieħdu mingħand l-esponenti ommhom, li magħha dejjem għexu sa' minn twelidhom, u dan "*sakemm jingħata digriet finali*";

4. Illi s-smigħ ta' dak ir-rikors ġie appuntant għal erbat ijiem wara u ċioè nhar it-**18 ta' Awissu 2020** fejn il-partijiet għamlu s-sottomissjonijiet tagħhom u ġie, mbagħad, differit għal digriet kamerali;

5. Illi minkejja t-trappas ta' diversi ġimgħat u xhur dak id-digriet kamerali baqa' qatt ma ngħata mill-Qorti hawn fuq indikata;

6. Illi dan ifisser illi l-esponenti damet żmien twil mċaħħda milli tara liż-żewġt ulied minuri tagħha, mqar għal ftit minuti biss, u dan minkejja li dawn iż-żewġt ulied għandhom l-età tenera ta' erba' snin u sentejn rispettivament u dejjem għexu mal-esponenti omm li skrupolożament ħadet ħsieb l-bżonnijiet tagħhom;

7. Illi l-esponenti, tramite l-konsulent legali tagħha, kemm-il darba ġibdet l-attenzjoni tal-Onorabbli Qorti, kemm permezz ta' rikorsi [**DOK. C**] u kif ukoll permezz ta' diversi komuniki verbali mad-deputat reġistratur illi dan id-digriet għadu pendenti minkejja li l-materja hija waħda ta' urġenza massima stante li jitratta dwar tfal minuri t'età tenera mmens u fuq kollox għaliex kull ġurnata li qiegħda tgħaddi inutilment jikostittwixxi mhux biss ksur naturali u ovvju tal-jedd fondamentali tal-esponenti **għar-rispett għall-familja tagħha** [Art. 32 (ċ) Kost.; Art. 8 Konvenzjoni], iżda wkoll għall-jedd fondamentali

tagħha għal **smiegħ xieraq fi żmien spedit u raġjonevoli** [Art. 39 (2) Kost.; Art. 6 Konvenzjoni];

8. Illi dak id-digriet, li jġib id-data tat-**2 ta' Diċembru 2020** eventwalment ingħata fil-Qorti bil-miftuh kważi **erbgħa xhur wara** u ċioè nhar l-**14 ta' Diċembru 2020** iżda ġie formalment ppublikat u mtela fuq is-sistema elettronika *eCourts* nhar il-**15 ta' Diċembru 2020**;

9. Illi f'dak l-istess digriet huwa bil-wisq evidenti illi l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) użat lingwaġġ li jiddenota b'mod ċar u manifest il-preġudizzju tagħha kontra l-esponenti. Hekk ad eżempju ġja iddikjarat illi "**l-intimata mhux ta' min joqgħod fuqha u wisq anqas mhux ta' min joqgħod fuq dak li tgħid**." B'hekk l-esponenti umilment tissottometti illi dan ikompli jippreġudika u jivjola l-jeddijiet tagħha għal smigħ xieraq kif sanċit taħt l-artikoli tal-liġi hawn fuq elenkati in kwantu jikkonsisti f'*bias* soġġettiv u/jew oġġettiv tal-Qorti kontra l-esponenti;

10. Illi l-istat Malti għandu obbligazzjoni pożittiva illi jiżgura illi dawn il-jeddijiet fondamentali ta' kull ċittadin ma jiġux vjolati u/jew miksura kif sfortunatament qed iseħħ bl-aġir tal-Qorti kif hawn fuq spjegat, u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Jgħidu għalhekk l-intimati, jew min minnhom, għalfejn m'għandix dina l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet hawn fuq spjegati:-

**1.** Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-aġir u d-dewmien eżerċitat mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja – Għawdex) fil-kawża ***Redeemer Portelli -vs- Diane Joelyn** Portelli*" (Rikors Numru 6/2020 MV), b'mod partikolari għal dak li għandu x'jaqsam mar-rikors ippreżentat minn Redemeer Portelli fl-14 ta' Awissu, jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-jedd tal-esponenti għar-rispett għall-familja [Art. 32 (ċ) Kost.; Art. 8 Konvenzjoni Ewropeja] u tal-jedd tal-esponenti għall-smiegħ xieraq fi żmien spedit u raġjonevoli [Art. 39 (2) Kost.; Art. 6 Konvenzjoni Ewropeja];

**2.** Tiddikjara u tiddeċiedi inoltre illi d-digriet datat it-2 ta' Diċembru 2020 u mogħti bil-miftuh mill-istess Qorti fl-14 ta' Diċembru 2020, jikkostitwixxi wkoll vjolazzjoni tal-jedd tal-esponenti għar-rispett għall-familja [Art. 32 (ċ) Kost.; Art. 8 Konvenzjoni Ewropeja] u tal-jedd tal-esponenti għall-smiegħ xieraq [Art. 39 (2) Kost.; Art. 6 Konvenzjoni Ewropeja];

**3.** Tillikwida somma in linea ta' danni morali għall-vjolazzjoni tal-jeddijiet hawn fuq indikati u tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, iħallsu d-danni hekk likwidati;

**4.** Tordna wkoll bħala rimedju, oltre l-kumpens, t-tħassir tad-digriet tat-2 ta' Diċembru 2020 u kif ukoll illi l-kawża sovra-ċitata tiġi aseenjata lill-istess Qorti diversament presjeduta; u

**5.** Tagħti kull deċiżjoni, ordni u/jew provvediment ieħor sabiex l-esponenti tagħti rimedju effettiv u xieraq għall-vjolazzjonijiet tal-jeddijiet tagħha.

Rat **ir-risposta tal-intimat Redeemer Portelli tal-14 ta' Diċembru 2020**[2] permezz ta' liema tressqu dawn l-eċċezzjonijiet –

1. Illi in linea preliminari l-esponenti jirrileva li huwa ma jahti assolutament xein ghad-dewmien li qieghed jigi allegat mir-rikorrent u ghalhekk assolutament m'ghandux ibati spejjez ta' din l-istanza;

2. Illi kuntrarjament ghall-impressjoni li tipprova taghti r-rikorrenti, ir-rikors guramentat pendenti li hemm riferenza ghalih fir-rikors odjern u cioe r-rikors numru 6/2020 MV fl-ismijiet Redeemer Portelli vs Diane Joelyn Portelli qieghed jimxi b'heffa u l-esponenti qieghed min-naha tieghu f'kull seduta iressaq numru ta' xhieda. Bizzejjed li jinghad li min-nofs Gunju sal-lum gia saru erba' (4) seduti li fihom instemghu tmien (8) xhieda differenti viva voce u gew prezentati tlett (3) affidavits ohra. Ghas-seduta li kienet skedata ghall-ewwel (1) ta' Dicembru 2020 (li imbaghad giet differita) kien hemm ingunti erba (4) xhieda ohra. Ghalhekk assolutament ma jistax jinghad li l-esponenti qieghed b'xi mod ikaxkar saqajh f'dik il-kawza jew inkella johloq xi ostakolu

[2] Fol 18 et seq

biex din il-kawza timxi bil-mod. Anzi ghall-ahjar interess ta' uliedu, huwa ghandu kull interess li l-kawza suriferita li hemm pendenti quddiem il-Qorti ta' Ghawdex tigi deċiża illum qabel ghada;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess jinghad li assolutament mhux korrett dak li qed tallega r-rikorrenti fir-rikors kostituzzjonali taghha li hija qeghda tigi mcahhda minn uliedha u li ghalhekk qeghdin jinkisrulha d-drittijiet fundamentali taghha. Dan ghar-raguni li fid-digriet tal-erbatax (14) ta' Awissu 2020, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni tal-Familja ghalkemm kienet afdat il-kura u l-kustodja provizorja fidejn il-missier kienet ordnat li: "l-access tal-omm isehh taht supervizjoni u mhux fir-residenza taghha u mhux fil-prezenza ta terzi". Minn dakinhar sal-lum l-esponenti m'ghamlet assolutament xejn biex tkun tista' tezercita l-access li kien koncess lilha bid-digriet tal-erbatax (14) ta' Awissu 2020 meta kellha kull fakolta li hija taghmel dan. Ma tistax ghalhekk ir-rikorrenti tillamenta ruhha minn ksur tad-drittijiet fundamentali taghha meta hija kienet moghtija dritt ta' access u tali dritt ghar-ragunijiet li tafhom hi biss ghazlet li ma tuzufruwix minnu;

4. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigi michuda bl-ispejjez kontra taghha;

5. Illi 1-esponenti Redeemer Portelli qieghed jikkonferma kontenut ta' din ir-risposta bil-gurament tieghu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat **ir-risposta tal-intimat Direttur Ġenerali tal-Qrati Ċivili u Tribunali (Għawdex) tal-14 ta' Diċembru 2020**[3] permezz ta' liema tressqu dawn l-eċċezzjonijiet –

Illi fl-ewwel lok, l-esponenti jissottometti bil-Qima illi dina 1-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli teżercita s-setghat taghha skond il-Kostituzzjoni u 1-Kap. 319 u dana ai termini tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 galadarba r-rikorrenti kellha possibilita

[3] Fol 20 et seq

ta' rimedju ordinarju illi tippreżenta rikors guramentat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja sabiex titlob it-thassir tad-digriet tal-istess qorti 14 ta' Awwissu 2020, liema rimedju r-rikorrenti naqset illi teżercita.

Illi fil-mertu, u bla pregudizzju ghas-suespost, kif inhu ben not, l-esponenti m'ghandu l-ebda poter u wisq anqas jażżarda li jeżercita tali poter, fuq il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenzi varji taghha kemm fl-ambitu penali kif ukoll civili. Illi l-esponenti bl-ebda mod ma jista' jvarja jew jordna s-sospensjoni ta' kwalunkwe digriet emanat minn tali qorti u dana hu pacifiku u m'hemmx htiega illi jigi ribadit fit-tul ghax l-indipendenza tal-gudikatura minn kwalunkwe indhil tal-eżekuttiv illi tieghu l-esponenti jifforma parti hija aspett kardinali tal-ordinament guridiku ta' pajiżna. Illi ghaldaqstant hu ugwalment paċifiku illi l-esponenti m'huwiex il-legittimu kontradittur tar-rikorrent u kwalunkwe rimedju illi dina l-Onorabbli Qorti tista' takkordalu bl-ebda mod ma jista' jigi mwettaq mill-esponenti.

Ghaldaqstant l-esponenti bil-qima jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju u tichad it-talbiet tar-rikorrenti Diane Joelyn Portelli bl-ispejjeż kontriha.

Rat il-provi mressqa inkluż il-kopja tal-atti tal-proċeduri Rik Ġur 6/2020 fl-ismijiet *Redeemer Portelli vs Diane Joelyn Portelli.*

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża ġiet differita għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

**Fis-26 ta' Frar 2020** l-intimat odjern Redeemer Portelli intavola rikors ġuramentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja fl-ismijiet *Redeemer Portelli vs Diane Joelyn*

*Portelli*[4]. Permezz ta' dawn il-proċeduri huwa talab lil dik il-Qorti sabiex fost oħrajn tordna li l-kura u l-kustodja taż-żewġ uliedhom minuri tkun fdata esklussivament f'idejh u li l-istess ulied jirrisjedu miegħu kif ukoll li l-istess Qorti tiffissa l-ħinijiet ta' aċċess li l-omm għandu jkollha ma' ulied taħt is-superviżjoni tal-uffiċjali tal-Fondazzjoni tas-*Social Welfare Services* jew tal-Aġenzija Appoġġ.

**Fil-11 ta' Mejju 2020**[5] ir-rikorrenti odjerna Diane Joelyn Portelli irrespinġiet dawn it-talbiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Fil-mori ta' dawk il-proċeduri seħħew episodji li b'rabta magħhom ġew intavolati l-proċeduri odjerni, ewlenin fosthom li –

i. **Fl-14 t'Awwissu 2020**[6] Redeemer Portelli ntavola rikors urġenti permezz ta' liema talab lill-Qorti sabiex pendente lite tordna li l-kura u l-kustodja tat-tfal (tifel u tifla li f'dik l-epoka kellhom 3 snin u sena rispettivament) tkun f'idejh. B'dana li kwalunkwe aċċess favur l-omm għandu jkun superviżjonat u li tali aċċess ma jiġix eżerċitat fid-dar tar-residenza tal-istess omm. Inoltre talab lill-istess Qorti tagħti l-provvedimenti opportuni in vista tal-ordni li kienet tat li s-sieħeb tal-omm ma jkunx preżenti waqt il-kuntatt li hija jkollha mal-ulied mir-relazzjoni tagħha ma' Redeemer Portelli, liema ordni allegatament kienet qed tiġi miksura ripetutament;

ii. Dan stante li skont ma' ntqal fir-rikors imsemmi, is-sieħeb ta' Diane Joelyn Portelli mhux biss kien qiegħed preżenti waqt l-aċċess tal-omm mat-tfal talli kien qiegħed jawwihom kontra missierhom u ġieli sawwathom ukoll. Inoltre, wara li l-ulied kienu qegħdin jirritornaw lura mill-aċċess mal-omm kienu qed juru mġieba aggressiva, partikolarment it-tifel, fejn anke kisser ħafna affarijiet fid-dar ta' missieru u qal diskors lil missieru li ma setax kien ġej minn tifel ta' eta' minuri;

[4] Fol 86 et seq
[5] Fol 133
[6] Fol 196 et seq

iii. Ma dan ir-rikors ġie esibit rapport ta' Dr Michael Galea, Clinical Psychologist u Family Psychotherapist datat 7 t'Awwissu 2020[7]. Huwa assessja lit-tifel fuq talba tal-missier. Preżenti kien hemm ukoll it-tifla ta' Portelli. Dr Galea rrelata fost oħrajn li –

- It-tifel irrepetielu d-diskors mhux xieraq fil-konfront tal-missier, liema diskors kien ingħad mar-ritorn minn mal-omm lil missier Redeemer Portelli. Dr Galea rrimarka li dan il-lingwaġġ ma kienx jappartjeni lil tifel ta' tlett snin u meta staqsieh minn fejn tgħallem dan il-kliem huwa semma l-isem tas-sieħeb tal-omm;
- It-tifel qallu li kemm l-omm u anke s-sieħeb tagħha ġieli sawtuh;
- It-tfal għandhom bżonn terapija mmedjata sabiex ikampaw bot-trawma li għaddejjin minnha;
- Tali terapija tista' tkun effettiva biss jekk l-ambjent fid-djar tal-omm u tal-missier ikun sikur u bl-imħabba. Preżentament dan mhuwhiex il-każ fid-dar tal-omma mill-feedback mogħti mill-missier;
- Iż-żewġt itfal huma mbeżża ħafna u stressjati. Bħala reazzjoni normali huma aggressivi probabilment minħabba dak li jaraw xi mkien ieħor.

iv. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' Dr. Galea kienu li –

- It-tfal ta' eta' daqstant vulnerabbli m'għandhomx ikunu nvoluti fil-problemi tal-adulti;
- Huwa ċar li l-qafas legali preżenti ta' kustodja konġunta mhijiex qed taħdem għat-tifel;
- Mill-intervista' li għamel mat-tifel ħareġ ċar li l-ambjent fid-dar tal-omm huwa wieħed tossiku, fejn abbuż fiżiku u emozzjonali jista' jkun li hu regolari;

[7] Fol 198 et seq

- Ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Qorti kienet li din serjament tikkonsidra li tikkonċedi l-kura u l-kustodja tal-ulied lill-missier Redeemer Portelli;
- Inoltre, huwa ssuġġerixxa li d-dritt t'aċċess tal-omm Diane Joelyn Portelli isir taħt superviżjoni u f'post newtrali;
- Finalment huwa rrakkomanda li l-partijiet kollha nvoluti, speċjalment iż-żewġt itfal, ifittxu psikoterapija ndividwali sabiex jaffrontaw is-sitwazzjoni delikata u stressanti li għaddejjin minnha li żgur kellha mpatt negattiv fuq il-benesseri mentali tagħhom b'modi diversi.

v. **Fl-14 t'Awwissu 2020** stess[8], il-Qorti tat digriet għar-rikors urġenti ta' Redeemer Portelli u fiċ-ċirkostanzi ordnat illi proviżorjament u sakemm jingħata digriet finali fuq dan il-mertu, l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun fdata esklussivament f'idejn il-missier Redeemer Portelli. Ordnat ukoll li l-aċċess ta' l-omm iseħħ taħt superviżjoni u mhux fir-residenza tagħha u mhux fil-preżenza ta' terzi. Ir-rikors ġie appuntat għas-smiegħ għat-18 t'Awwissu 2020 filwaqt li Diane Joelyn Portelli ingħatat 24 siegħa għar-risposta;

vi. B'risposta datata **17 t'Awwissu 2020**[9] Diane Joelyn Portelli rrespinġiet it-talbiet ta' Redeemer Portelli fejn fost oħrajn ilmentat li r-rapport ta' Dr Michael Galea huwa ex parte u hi qatt ma kellha opportunita' li tivverifika l-kontenut tiegħu, filwaqt li r-rikors huwa mibni fuq konġetturi u allegazzjonijiet intiżi li jitfgħu dell ikrah fuqha. Saħqet li huwa ngust li hija tiġi mċaħħda minn uliedha u fuq kollox anke Redeemer Portelli jinsab f'relazzjoni kwindi l-istess ulied ikunu fil-preżenza ta' terzi persuni wkoll meta jkunu miegħu;

vii. Waqt is-seduta tat-**18 t'Awwissu 2020**[10] dehru Redeemer Portelli u Diane Joelyn Portelli, t-tnejn debitament assistiti. Xehdu Dr Michael Galea, Redeemer Portelli u Diane Joelyn Portelli u sarulhom il-

[8] Fol 201
[9] Fol 202 et seq
[10] Fol 266 et seq

kontro-eżamijiet u ġew esibiti diversi ritratti. Ir-rikors ġie differit għad-digriet kamerali filwaqt li l-kawża ġiet differita għal sentenza preliminari għat-8 t'Ottubru 2020;

viii. **Fl-20 t'Awwissu 2020** l-Aġenzija Appoġġ ppreżentat rapport[11] li fih fost oħrajn ġie rakkomandat li ż-żewġ minuri jkomplu jgawdu mill-istess ammont ta' ħin kemm mal-omm kif ukoll mal-missier;

ix. **Fis-27 t'Awwissu 2020** il-pedjatra maħtur mill-Qorti Dr Mark Buttigieg ppreżenta rapport bil-konklużjonijiet tiegħu wara li għamel eżami kliniku taż-żewġt itfal[12]

x. **Fit-22 ta' Settembru 2020**[13] Diane Joelyn Portelli ntavolat rikors permezz ta' liema talbet lill-Qorti sabiex tiddekreta dwar il-kura u kustodja tal-minuri fl-iqsar żmien possibbli;

xi. **Fis-17 ta' Novembru 2020** ġew intavolati l-proċeduri kostituzzjonali odjerni;

xii. **Fit-2 ta' Diċembru 2020**[14] il-Qorti tat digriet *pendente lite* dwar ir-rikors ta' Redeemer Portelli tal-14 t'Awissu 2020 permezz ta' liema –

- Żammet ferm id-digriet tagħha tat-18 ta' Ġunju 2020 u ordnat li l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri pendente lite tkun fdata f'idejn il-missier;
- Żammet ferm id-digriet tagħha tat-18 ta' Ġunju 2020 u ordnat li l-intimata għandu jkollha aċċess kuljum bejn l-4.00pm u 6pm, liema aċċess, stante li l-intimata baqgħet tinjora l-ordni tal-Qorti li ma tesponix lill-ulied minuri tagħha u ta' Redeemer Portelli għall-preżenza tas-sieħeb attwali tagħha, għandu jkun

[11] Fol 270 et seq
[12] Fol 280 et seq
[13] Fol 300
[14] Fol 424 et seq

superviżjonat u għal dak il-għan ħatret social worker sabiex jissuperviżjona l-aċċess;

- Sabet lil Diane Joelyn Portelli ħatja ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti u ordnat lir-Reġistratur jieħu passi kontriha skont il-liġi.

xiii. Dan id-digriet inqara mill-Qorti waqt is-seduta tal-**14 ta' Diċembru 2020**[15];

xiv. Waqt is-seduta tas-**16 ta' Diċembru 2020**[16] quddiem din il-Qorti Sede Kostituzzjonali d-difensur tar-rikorrenti ddikjara li r-rikorrenti kienet qed iżżomm ferm it-talbiet tagħha kif imressqa fir-rikors promotur u rriżerva li jirregola ruħu ulterjorment b'rikors ai termini tal-artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

xv. Permezz ta' rikors datat **8 ta' Jannar 2021**[17] ir-rikorrenti odjerna talbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti għal xi emendi u żidiet għat-talbiet oriġinali magħmula fir-rikors promotur[18], liema talba fin-nuqqas ta' oppożizzjoni da parti tal-intimati ġiet milqugħa mill-Qorti waqt is-seduta tal-11 ta' Jannar 2021[19].

**<u>Eċċezzjonijiet preliminari</u>**

**Fl-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Direttur Ġenerali** ġie sollevat l-argument li r-rikorrenti kellha a dispożizzjoni tagħha rimedji ordinarji sabiex tivventila l-ilmenti tagħha, senjatament il-preżentata ta' rikors ġuramentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex). Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja, sabiex titlob it-tħassir tad-digriet tal-14 t'Awwissu 2020, liema rimedju hija naqset milli teżerċita. Huwa għalhekk stieden lill-Qorti sabiex tiddeklina milli teżerċita l-poteri kostituzzjonali tagħha ai termini tal-artikolu 46 (2) tal-

[15] Fol 456
[16] Fol 21
[17] Fol 51
[18] Fol 51
[19] Fol 61.

Kostituzzjoni ta' Malta ("Il-Kostituzzjoni") u l-artikolu 4 (2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

**L-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi li -
*"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda middisposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*
*Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

**L-artikolu 4 (2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi li -

*"Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra."*

Ingħad hekk fil-każ **John Grech et vs Onor. Prim Ministru et deċiża fid-29 t'April 2013**[20] u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2014 –

*"Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet*

[20] Rik Nru 68/11

*"Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine" (deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:*

*"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:*

*a. Meta hu ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura Kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

*b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' llegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni;*
*c. Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;*
*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*
*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;*
*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*
*Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet "Philip Spiteri vs Sammy Meilaq" (deċiża fit- 8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li:*

*"Meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f' xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief Kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni". F'din is-*

*sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma 'komplessa' jiżdied il-kliem 'jew inkella mħallta'.*

*……*

*Fil-kawża fl-ismijiet "Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et" (deċiża mill-Prim' Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-30 ta' Settembru 2010) ġie dikjarat illi:*

*"L-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garanti. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.*

*Meta jidher li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-meżżi, qabel ma jirrikorri għar-rimedju Kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju Kostituzzjonali."*

*Illi f'dan is-sens wieħed jista' jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Joseph Fenech vs Awtorita' tal-Ippjanar et" deċiża fid-9 ta' Novembru 2012….*

*Illi wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu invokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta ssemmi mezzi li 'kienu disponibbli' u allura anke jekk kien hemm meżżi li 'kienu' disponibbli għar-rikorrent iżda li minħabba t-trapass taż-żmien ma jkunux għadhom (disponibbli), il-Qorti tista' jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha."*

Ukoll il-każ **Sonia Zammit et vs Ministru tal-Politika Soċjali et deċiż fis-27 ta' Frar 2006**[21] b'riferenza għal aktar ġurisprudenza elenka fost oħrajn dawn il-prinċipji:

[21] Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Rik Nru 11/2005

"*Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta ma humhiex disponibbli.*"[22]

*"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim Awla għal rimedju ta' indole Kostituzzjonali, imma l-ewwel subinċiż ta' dak l-Artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinċiż tiegħu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dak l-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat 'huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra.'"*[23]

*"Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-leżjoni tad-dritt fundamentali setgħet kienet jew għad tista' tiġi rettifikata bil-proċeduri u mezzi provduti bil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li l-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali taghha."*[24]

*"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili għandha poteri diskrezzjonali wiesgħa biex tiddeċiedi li ma teżerċitax il-poteri tagħha meta r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji possibbli taħt il-liġi ordinarja."*[25]

Isegwi għalhekk li l-Qorti jeħtiġilha tindaga jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern ir-rikorrenti kellhiex a dispożizzjoni tagħha rimedji ordinarji li kienu aċċessibbli, xierqa, effettivi u effikaċi għall-ilmenti mressqa minnha.

Madankollu jispetta dejjem lill-Qorti d-diskrezzjoni li - fil-parametri tal-dispożizzjonijiet ċitati mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni - tagħżel HI jekk teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le, u dan indipendentement mill-fatt li min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju ordinarju disponibbli.

---

[22] **Dr Mario Vella vs Joseph Bannister noe** – Qorti Kostituzzjonali deciza 7 ta' Marzu 1994
[23] **Lawrence Cuschieri vs Onor Prim Ministru** – Qorti Kostituzzjonali deciza 6 t'April 1995.
[24] **Stephen Falzon vs Reġistratur tal-Qorti et** – Qorti Civili Prim Awla (Sede Kostitizzjonali) deciza 14 ta' Frar 2002
[25] **Domenico Savio Spiteri vs Chairman Planning Authority et"** – Qorti Kostituzzjonali deciza 31 ta' Mejju 2000

Kif ingħad fil-każ **George Debono et vs Kustodju tal-Proprjeta' tal-Għadu et deċiż fil-25 ta' Mejju 2016**[26]:

"*….d-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni jitkellmu dwar diskrezzjoni, jiġifieri dwar għażla li titħalla f'idejn il-Qorti u mhux dwar impożizzjoni ta' twarrib milli twettaq xogħolha;*"

Il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni mressqa mid-Direttur Ġenerali mhijiex ġustifikata. Il-lanjanzi tar-rikorrenti huma marbuta ma' deċiżjonijiet u l-aġir tal-Qorti tal-Maġistrati, liema deċiżjonjiet u aġir fil-fehma tagħha qegħdin jilledu d-driitijiet fundamentali tagħha. Qrati ordinarji ma għandhomx il-ġurisdizzjoni li jindirizzaw tali lanjanzi. Kwindi l-uniku forum fejn ir-rikorrenti setgħet tressaq tali pretensjonijiet huwa proprju quddiem din il-Qorti fil-vesti kostituzzjonali tagħha. Ir-rimedju ndikat mill-intimat Direttur Ġenerali ma jistax għalhekk jitqies bħala rimedju effikaċi u effettiv.

**L-ewwel eċċezzjoni preliminari tad-Direttur Ġenerali sejra għalhekk tiġi respinta.**

2. **Fit-tieni eċċezzjoni tal-intimat Direttur Ġenerali** jingħad li huwa m`għandux jitqies leġittimu kontradittur għat-talbiet tar-rikorrenti. Huwa jsostni li l-liġi ma ttih ebda poter fuq il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenzi varji tagħha u kwindi la jista' jvarja digrieti tagħha u lanqas jordna s-sospensjoni tagħhom. Għalhekk huwa ma jista' jwettaq ebda rimedju li l-Qorti tista' takkorda f'każ ta' eżitu favorevoli għall-pretensjonijiet tar-rikorrenti.

Minn naħa tagħha r-rikorrenti tirribatti li ai termini tal-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u skont il-L.S. 12.21 intitolata *Regolamenti dwar il-Proċedura Ċivili (Regolament tar-Reġistri, l-Arkivju u l-Funzjonijiet tad-Direttur tal-Qrati (Għawdex) u Uffiċjali Eżekuttivi oħra tal-Qorti* huwa proprju d-Direttur Ġenerali ntimat li huwa leġittimu kontradittur. Dan peress li fil-fehma tagħha la fl-istess leġislazzjoni sussidjarja d-Direttur Ġenerali huwa

[26] Rik 40/10

l-"kap tad-Diviżjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja" u la darba l-vertenza odjerna tirrigwarda deċiżjoni mogħtija mill-Qorti fil-Ġurisdizzjoni ta' Għawdex, allura mhemmx dubju li l-kawża kellha tiġi diretta kontra d-Direttur Ġenerali ntimat bħala l-kap responsabbli.

**L-artikolu 181B tal-Kap 12** li jipprovdi hekk -

*"(1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:*

*Iżda, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu:*
*(a) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-Accountant General;*

*(b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isirumis-Segretarju Permanenti Ewlieni;*

*(ċ) kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.*

*(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern."*

Fil-ġurisprudenza in materja fosthom fil-każ **Angela sive Gina Balzan vs L-Onorevoli Prim Ministru et deċiż fil-15 ta' Diċembru 2017**[27] ingħad hekk **-**

*"Kif qalet riċentement din il-Qorti stess fil-każ **Joseph Grech et vs Nikka Developments Company Limited et** deċiż fit-3 ta' Novembru 2017 -*

*Dwar l-argument tas-soċjeta' li hija mhijiex legittimu kontradittur, kif qalet din il-Qorti fil-każ **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et deciz fit-28 ta' Settembru 2016**[28] -*

[27] Rik Kost 14/15
[28] Rik Gur 700/14

*"Il-kriterji li jirrendu parti f'kawża bħala leġittimu kontradittur jirriżultaw ben ċari mill-ġurisprudenza:*

***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited*** *deċiża fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell**:***

*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*

*Fil-każ fl-ismijiet* **Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd deciz *fit-23 t'Ottubru 2009***[29] *intqal hekk:*

*"Huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-liġi, il-kostituzzjoni in ġudizzju ta' parti mħarrka tinsel minn qagħda ta' rapport ġuridiku preċedenti, sija*
*kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuz jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodiċi Ċivili. Dan neċessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oġġett jew it-titolu tal-kawża."*
*Illi inoltre l-ġurisprudenza tkompli hekk:*
*"Għal fini tal-valutazzjoni ta' l-integrita` tal-kontradittorju rigward irid isir b'mod esklussiv għal dak prospettat mill-attur bit-talba tiegħu. Dan għaliex il-kontradittorju hu determinat fuq il-bażi tad-domanda proposta."* **(Avukat Dr Aaron Mifsud Bonnici noe vs European Institute of Education Limited)**[30]**.**

[29] Rik 1758/99 Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)
[30] (Nru 777/06) Deciz 13 ta' Marzu 2009 mill-Qorti ta' l-Appell

*Inoltre fil-każ* ***Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et deciz fit-3 ta' Ottubru 2008***[31] *ingħad li –*

*"Min jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport."*

Il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni hija fondata.

Id-Direttur Ġenerali ntimat ma jistax jirrispondi għat-talbiet tar-rikorrenti għax, kuntrarjament għal dak argumentat minnha, huwa ma għandux ir-rappreżentanza tal-Qrati. Fil-fatt huwa jifforma parti mill-fergħa tal-eżekuttiv li hija totalment separata u distinta mill-organu ġudizzjarju. In vista tal-fatt li, huwa proprju l-aġir u d-deċiżjonijiet ta' membru tal-ġudikatura li tpoġġew għall-iskrutinju ta' din il-Qorti, allura mhuwhiex id-Direttur Ġenerali li kellu jissejjaħ biex iwieġeb.

Dan kollu jirriżulta kjarament mhux biss mill-L.S. 12.21 ċitata mir-rikorrenti stess – li fir-regolament 4 tiegħu jelenka l-funzjonijiet tad-Direttur tal-Qrati Għawdex – iżda wkoll mill-ġurisprudenza.

Ingħad hekk fil-każ **Publio Zammit vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et deċiż fit-28 ta' Mejju 2019 -**

*"L-intimat Direttur Ġenerali (Qrati) u d-Direttur Qrati Kriminali u Tribunali eċċepew li huma m'humiex il-leġittimi kontradditturi u għalhekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrent. Jisħqu li r-rikorrent bl-ebda mod ma hu qed jattribwixxi l-allegat ksur tad-dritt għal smigħ xieraq, għal xi nuqqas minn naħa tal-amministrazzjoni tal-Qrati rappreżentata minnhom. Ir-rikorrenti qed jattribwixxi l-ilmenti tiegħu għall-ġudikant/i li ppresjedew l-proċeduri. Kwantu għal kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest li kienu ġew imposti fuqu, jirrilevaw li anke minn dan il-lat huma ma għandhomx kontroll fuq id-deċiżjonijiet tal-Qrati.*

[31] Cit Nru 1236/07

*IlIi l-intimati għamlu riferenza għal dak li ntqal fil-kawża* ***Carmelo sive Charles Delia et vs Reġistratur tal-Qrati et*** *(Kost 25/04/1990), fejn dwar il-posizzjoni tar-Reġistratur u tad-Direttur tal-Qrati speċifikatament intqal Ii r-Reġistratur tal-Qrati ma għandux ir-rappreżentanza tal-Qrati u hu mhux persuna leġittima biex joqgħod f'kawża fejn jiġi allegat li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ġew vjolati bi proċeduri pendenti quddiem il-Qorti.*
*L-intimati għamlu riferenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet* ***George Xuereb vs Reġistratur tal-Qrati et*** *(Kost 08/11/2004) fejn intqal:*
*Hu ben saput li l-Ġudikatura hija organu indipendenti mill-Eżekuttiv u ma taqa' taħt l-ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorreni huwa attribwibli għall-operat tal-Qorti, allura ir-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Ġudikant, ma jistax hawn hekk ikun leġittimu kontradittur.*
*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura*** *(Kost 07/10/2005) ġie ritenut:*
*Kwantu għall-appellat Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-iċken dubbju li dan ma hux il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża. Ir-Reġistratur ma jirrappreżentax lill-Qrati li l-operat tagħhom ġie attakkat bir-rikors promotorju - anzi, bil-kontra, huwa jieħu l-ordnijiet mingħandhom skond il-liġi - u hu ma hux f'posizzioni li jagħti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'tiċċensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati.*
*Għalhekk l-eċċezzjoni tal-intimati hija ben fondata. La mir-rikors promotur u lanqas mill-assjem tal-provi ma jirriżulta li r-rikorrent qiegħed iressaq xi ilment direttament kontra l-intimat Direttur Ġenerali (Qrati). Għar-raġunijiet li huma esposti bl-aktar mod ċar u inekwivoku fis-sentenzi riferiti, il-Qorti tagħmel tagħha dik il-ġurisprudenza fejn tolqot din l-eċċezzjoni.*
*Għalhekk din l-eċċezzjoni sollevata mid-Direttur Ġenerali (Qrati) u d-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali qed tiġi milqugħa u qed jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjes kontra ir-rikorrenti."*

**Għalhekk din l-eċċezzjoni sejra tiġi milqugħa u l-Qorti ser tillibera lill-intimat Direttur Ġenerali mill-osservanza tal-ġudizzju.**

3. **Fl-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Redeemer Portelli** huwa jeċċepixxi li ma jaħtix għad-dewmien li qed jiġi allegat mir-rikorrenti u għalhekk m'għandux jeħel spejjeż ta' din l-istanza.

Jiġi sottolineat fl-ewwel lok li, kif inhuwa kristalizzat fil-ġurisprudenza, huwa l-Istat li jġorr ir-responsabilta' għal ksur ta' drittijiet fundamentali u mhux ċittadini privati. Huwa naturalment konsentit li f'ċerti każi ċittadini privati ikunu parteċipi fi proċeduri ta' din ix-xorta minħabba li l-effetti tal-proċeduri jistgħu jimpingu fuq id-drittijiet tagħhom. Fil-każ odjern ċertament li l-intimat Portelli huwa leġittimu kontradittur, ghandu legittimità passiva, fil-kawża stante li t-talbiet tar-rikorrenti jaffetwaw direttament il-pożizzjoni tiegħu bħala parti fil-kawża Rik Nru 6/20 fl-ismijiet *Redeemer Portelli vs Diane Joelyn Portelli*. Dan il-fatt mhuwhiex kontestat mill-istess Portelli.

Fil-każ deċiż minn din il-Qorti stess fl-ismijiet **Catherine Farrugia vs Avukat tal-Istat et tal-1 ta' Lulju 2022** qalet hekk -

***"Fit-tieni eċċezzjoni tal-intimata Tabone*** *hija targumenta li bħala ċittadin privat hija ma tistax tinstab ħatja ta' ksur ta' drittijiet fundamentali ta' terzi u konsegwentement hija mhijiex leġittimu kuntradittur għat-talbiet tar-rikorrenti u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*Huwa minnu li r-rikorrenti qed jattakkaw leġislazzjoni mgħoddija mill-Istat u huwa minnu wkoll li fi proċeduri ta' natura kostituzzjonali huwa l-Istat, u mhux ċittadini privati, li jġorr ir-responsabbilta' għall-ksur ta' drittijiet fundamentali tal-parti leża.*

*Madankollu, in kwantu l-mertu tal-proċeduri huwa proprju l-fond li tiegħu l-intimata hija nkwilina, l-konsegwenzi ta' tali kawża fl-eventwalita' li jintlaqgħu it-talbiet tar-rikorrenti jistgħu jaffetwaw direttament lill-istess intimata. Konsegwentement dan kollu jnissel l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex l-intimata tkun parti mill-kawża u tiddefendi l-pożizzjoni tagħha qua inkwilina residenti fil-fond.*

*F'dan il-kuntest il-Qorti tirreferi għall-każ* ***Josephine Azzopardi pro et noe et vs L-Onorevoli Prim Ministru et (Rik Kost 85/14) deċiż fit-28 ta' Settembru 2017*** *fejn ingħad hekk:*

*"Il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta` Frar 2016 fil-kawża* ***Rose Borg vs Avukat Ġenerali et****. Hemm kienet trattata eċċezzjoni simili.*

*Il-Qorti qalet hekk :-*

*"Illi l-Qrati tagħna ppronunzjaw ruħhom f`diversi okkażjonijiet dwar il-leġittimita` passiva ta` persuni privati li jkunu ċċitati f`kawżi ta` indoli kostituzzjonali u konvenzjonali.*

*Fil-każ fl-ismijiet* ***Joseph Abela v. Onor.Prim`Ministru et*** *(Kost. 7 ta` Diċembru 1990) ġie ribadit li :*

*"F`kawżi ta` natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontradittturi ta` dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tliet kategoriji. L-ewwel*
*kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma, direttament jew indirittament, responsabbli għall-kummissjoni jew omissjoni ta` xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi. Fit-tieni kategorija huma dawk li ghall-omissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni tal-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta` dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala` fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja."*

*Iżda kif anke gie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ* ***Partit Nazzjonalista et v Kummissjoni Elettorali et****. (29 ta` Mejju 2015) "Dawn il-kategoriji ma humiex neċessarjament eżawrjenti u ma jistgħux jitqisu illi jeskludu kategoriji oħra. "*

*Proprju f`każijiet li jikkonċernaw l-istess materja bħal dik in disamina, ad eżempju fil-każ fl-ismijiet* ***Raymond Cassar Torreggiani et. v AG et*** *(22 ta` Frar 2013) iċċitat mir-rikorrenti, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet hekk:*

*"(11) ... biex ġudizzju jkun integru jeħtieġ li, għall-aħjar ġudizzju tal-Qorti, jipparteċipaw fih dawk kollha li huma nteressati fil-kawża. B`hekk tiġi assigurata kemm jista` jkun l-effikaċita` tal-ġudizzju inkwantu dan jorbot biss lil dawk li jkunu parteċipi fih, kif ukoll jiġi rispettat il-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju sabiex ma jkunx hemm bżonn ta` ripetizzjoni ta` proċeduri kontra l-persuni kollha interessati fid-diversi kawżi billi dawn ma jkunux ħadu parti f`ġudizzju wieħed. Il-ġudizzju jibqa` integru mill-mument li jieħdu parti fih dawk li jkollhom id-dritt, u dawk li kontra tagħhom dak l-istess dritt jikkompeti (App.Ċiv.* ***Joseph Borg v. Francis Vassallo*** *[2000] Vol.LXXXIV.II.42;App.* ***C. Zahra De domenico v. Zahra Dedomenico*** *15.01.1992)"*

*- omissis-*

*" [13] Mill-premess għandu jirriżulta ċar li l-intimati konjugi Tabone, bħala inkwilini tal-fond de quo, u tenut kont tal-fatt li proprju l-inkwilinat tagħhom jifforma l-mertu tal-kawża odjerna, għandhom interess ġuridiku u għalhekk ikunu parteċipi fil-kawża li jista` jkollha effetti legali anke fuqhom"*

*Dan il-ħsieb ġie ripetut mill-istess Qorti Kostituzzjonali fil-każ fl-ismijiet* ***Sam Bradshaw et v l-AG et.*** *(6 ta` Frar 2015):*

*"Din il-Qorti tosserva li, għalkemm taqbel mat-teżi li, ladarba l-każin aġixxa skont il-liġi, allura m`għandux legalment jirrispondi għall-inkostituzzjonalita` tal-liġi applikata minnu jew jeħel spejjeż tal-kawża, iżda mill-banda l-oħra, il-proċeduri odjerni neċessarjament jaffetwaw lill-każin stante li dan hu parti fir-rapport ġuridiku li huwa regolat b`liġi li l-kostituzzjonalita` tagħha qed tiġi attakkata. Għaldaqstant il-preżenza tiegħu f`dawn il-proċeduri hija neċessarja għall-finijiet tal-integrita` tal-ġudizzju. Il-każin bħala inkwilin tal-fond għandu interess ġuridiku f`din il-kawża peress li l-meritu jikkonċerna lilu direttament. Għal din ir-raġuni huwa għandu jkun parteċipi fil-ġudizzju u għalhekk huwa leġittimi kuntradittturi." (ara wkoll* ***Cedric Mifsud nomine v Avukat Ġenerali***

***et***. *-Q.K. 31 ta` Jannar 2014;* ***Perit Joseph Barbara v On.Prim`Ministru*** *-Q.K. 31 ta` Jannar 2014).*

*Fil-każ in eżami, l-ilment tar-rikorrenti huwa dirett lejn iċ-ċaħda tad-dritt tagħha ta` użu u tgawdija tal-proprjeta` tagħha in kwantu li dan hu b`effett tal-artikolu 12(2)(b)(i) tal-Kap 158 u tal-liġijiet viġenti. Fost ir-rimedji mitluba hemm wkoll dak tal-iżgumbrament tal-intimat Carmel Gatt. Għalhekk filwaqt li taqbel li l-intimat m`għandux legalment jirrispondi għall-inkostituzzjonalita` tal-liġi imsemmija, jew anke li jeħel spejjeż tal-kawża, iżda mill-banda l-oħra, il-proċeduri odjerni neċessarjament jaffetwawh stante li dan hu parti fir-rapport ġuridiku li huwa regolat b`liġi li l-kostituzzjonalita` tagħha qed tiġi attakkata. Għaldaqstant il-preżenza tiegħu f`dawn il-proċeduri hija neċessarja għall-finijiet tal-integrita` tal-ġudizzju. L-intimat bħala inkwilin tal-fond għandu interess ġuridiku f`din il-kawża peress li l-mertu jikkonċerna lilu direttament. Għal din ir-raġuni huwa għandu jkun parteċipi fil-ġudizzju u għalhekk huwa leġittimu kuntradittur."*

Jibqa' l-fatt pero' li, kif ingħad, Redeemer Portelli ma jistax personalment jinstab responsabbli għall-lanjanzi kostituzzjonali u għalhekk ukoll lanqas għandu jeħel spejjeż tal-kawża.

**Din l-eċċezzjoni sejra għalhekk tiġi milqugħa.**

Fid-dawl tas-suespost jirriżulta li fl-aħħar mill-aħħar ma fadal ebda ntimat fil-kawża li jista' jinstab responsabbli għall-lanjanzi kostituzzjonali tar-rikorrenti.

Fi kwalunkwe każ, u għar-raġunijiet li ser jiġu elenkati, il-Qorti ssib li fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Il-lanjanzi huma li –

- L-aġir u d-dewmien eżerċitat mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja - Għawdex) b'mod partikolari għal dak li għandu x'jaqsam mar-rikors ta' Redeemer Portelli tal-14 t'Awwissu 2020 jikser id-dritt fundamentali tagħha għar-rispett għall-familja (Artikolu 32 (ċ) tal-Kostituzzjoni u

Artikolu 8 tal-Konvenzjoni) u d-dritt tagħha għal smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli (artikolu 6 tal-Konvenzjoni);

- Id-digriet tat-2 ta' Diċembru 2020 u mogħti fil-miftuħ fl-14 ta' Diċembru 2020 jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrenti għar-rispett għall-familja (Artikolu 32 (ċ) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 8 tal-Konvenzjoni) u d-dritt tagħha għal smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli (artikolu 6 tal-Konvenzjoni).

**L-artikolu 32 (ċ) tal-Kostituzzjoni** jgħid hekk -
*"Billi kull persuna f'Malta hija intitolata għad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-individwu, jiġifieri, id-dritt, tkun xi tkun ir-razza, post ta' oriġini, fehmiet politiċi, kulur, twemmin,sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru tagħha, iżda suġġett għar-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn u tal- interess pubbliku, għal kull waħda u kollha kemm huma dawn li ġejjin, jiġifieri-*

*(......)*

*(ċ) ir-rispett għall-ħajja privata u familjari tiegħu,*

*id-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan il-Kapitolu jkollhom effett sabiex jagħtu protezzjoni għad-drittijiet u libertajiet imsemmija qabel, salvi dawk il-limitazzjonijiet ta' dik il-protezzjoni kif jinsabu f'dawk id-disposizzjonijiet li huma limitazzjonijiet maħsuba biex jiżguraw illi t-tgawdija tal-imsemmija drittijiet u libertajiet minn xi individwu ma tippreġudikax id-drittijiet u libertajiet ta' oħrajn jew l-interess pubbliku."*

**L-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi hekk –

*"Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma*

*mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandujiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli."*

**L-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni** jipprovdi hekk –

*"In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law".*

**L-artikolu 8 tal-Konvenzjoni** jipprovdi hekk -

*(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*
*(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor."*

**Dwar l-artikolu 32 (ċ) tal-Kostituzzjoni**, jingħad *in primis* li kif jirriżulta ċar mid-diċitura tiegħu, dan huwa biss introduzzjoni għall-lista ta' Drittijiet Umani u ma jistax jiġi ċitat bħala artikolu li tiegħu jista' jinstab ksur. Persuna li tħoss li nkisrilha jew se jinkisrilha xi wieħed mid-drittijiet fundamentali tagħha tista' tiftaħ kawża quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) hekk kif provdut fl-Artikolu 46(1) u tali kawża tista' tibbażaha fuq wieħed jew aktar mill-Artikoli 33 sa 45 (magħdudin) tal-Kostituzzjoni u fuq l-ebda artikolu ieħor.

Ingħad hekk fil-każ **Saadia Chabab vs Avukat Ġenerali et deċiż fit-12 t'April 2013 u konfermat mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Novembru 2013** –

***"Allegat ksur tal-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta***

*Il-Qorti hi tal-opinjoni li r-rikorrenti ma tistax tinvoka li sofriet vjolazzjoni a bażi tal-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni. Dan l-artikolu 32 huwa sempliċiment daħla għal-lista ta' Drittijiet Umani, kif elenkati fl-Kostituzzjoni u għalhekk ir-rikorrenti ma tistax tinvokah kif qed tipprova tagħmel ir-rikorrenti. Il-kostituzzjoni stess fl-Artikolu 46(1) teskludi l-artikolu 32 meta tipprovdi ghall-possibilita ta' allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fondamentali a tenur biss tal-artikoli 33 sa' 45 u kwindi l-artikolu 32 hu eskluż. Difatti l-Prim'Awla fis-sede tagħha kostituzzjonali fit-13 ta' Ġunju, 2011, fil-kawża bl-ismijiet "**Ghasan Kaseb et pro et noe vs Il-Prim Ministru et**" irriteniet li "l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar id-dritt ta' kull persuna li tallega l-ksur ta' xi waħda mid-dispożizzjonjiet ta' l-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni li titlob rimedju lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Iżda l-Artikou 32 mhux inkluż f'dawk imsemmija fl-artikolu 46. L-imsemmi artikolu 32 huwa biss introduzzjoni għad-drittijiet fundamentali (bħal fil-każ ta' l-ewwel artikolu tal-Konvenzjoni), u għalhekk bħala tali ma jistax jiġi invokat." Kwindi t-talba tar-rikorrenti għal sejbien ta' ksur tal-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni timmerita li tiġi miċħuda."*

**Għall-istess raġunijiet il-Qorti tikkonkludi li l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ma jistax jiġi nvokat mir-rikorrenti. It-talbiet tagħha safejn bażati fuq dan l-artikolu sjrin jiġu miċħuda.**

Dwar l-**artikoli 39 (2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, d**in il-Qorti qalet hekk fil-każ **Mark Formosa vs Is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex noe et deċiż fil-15 ta' Novembru 2019 -**

*"Il-Qorti tissottolinea li kif jispjegaw tajjeb kemm diversi awturi kif ukoll l-istess ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jiggarantixxi d-dritt għal smiegħ xieraq li jinkorpora s-segwenti prinċipji:*

*"…the Strasbourg authorities have interpreted Article 6 as providing, as aspects of the general right to a fair hearing, the following implied rights:*
*(a) the right of access to the courts*
*(b) the right to be present to an adversarial hearing*
*(c) the right to equality of arms*
*(d) the right to a fair presentation of the evidence*

*(e) the right to cross-examine and*
*(f) the right to reasoned judgement*[32]*."*

*Dawn il-prinċipji huma garantiti wkoll fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.*
*(.....)*
*Fil-każ* ***Emanuel Gauci vs Avukat Ġenerali deċiż fit-12 ta' Mejju 2006*** din il-*Qorti diversament preseduta qalet hekk dwar din il-materja in eżami –*

*"In effett il-Qorti Ewropeja fil-każ fl-ismijiet* ***Belez and Others v. Czech Republic*** *(12 ta' Novembru 2002) irriteniet –*

*"The Court has already stated on a number of occasions that the right to a fair trial, as guaranteed by Article 6(1) of the Convention, must be construed in the light of the rule of law, one of the fundamental aspects of which is the principle of legal certainty, which requires that all litigants should have an effective legal remedy enabling them to assert their civil rights. ... It further reiterates that the rules governing the formal steps to be taken and the time-limits to be complied with in lodging an appeal are aimed at ensuring the proper administration of justice and compliance, in particular, with the aforementioned principle of legal certainty. That being so, the rules in question, or the manner in which they are applied, should not prevent litigants from using an available remedy. ... A procedural rule has been construed in such a way as to prevent the applicants' action being examined on the merits, with the attendant risk that their right to effective protection would be infringed ... Consequently, the Court finds that in deciding, on the basis of a particularly strict construction of a procedural rule, not to examine the merits of the case, the domestic courts undermined the very essence of the applicants' right to a court, which is part of their right to a fair trial guaranteed by Article 6(1) of the Convention. There has therefore been a violation of Article 6(1) of the Convention;"*

*Hu importanti għalhekk li kollox jiġi interpretat fid-dawl tal-prinċipju tar-"rule of law".*

[32] Clayton R. & Tomlinson H, 2001, Fair Trial Rights, Oxford, pg-88-89

F'sentenza tagħha stess fl-ismijiet **Massimo Abela vs Avukat Ġenerali deċiża fl-14 ta' Diċembru 2018** din il-Qorti qalet hekk –

*"Il-prinċipji ġurisprudenzjali in materja, kemm dawk lokali kif ukoll tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ("QEDB"), huma ormai ben stabbiliti. Fost l-ewlenin il-Qorti tissottolinea li:*
*1. Kemm l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jestabilixxu li bħala parti mid-dritt għal smiegħ xieraq, deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet ta' natura ċivili u anke dawk ta' natura kriminali għandhom jinqatgħu* ***fi żmien raġjonevoli****. Dan sabiex il-partijiet fil-proċeduri quddiem il-Qrati jiġu protetti minn dewmien proċedurali eċċessiv li jista' jkun ta' preġudizzju għalihom kif ukoll sabiex il-kredibilita' u l-effettivita' tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja ma tiġix mittiefsa.*
*Kif qalet il-QEDB fil-każ* **Moreira de Azevedo v Portugal**[33] *-*
*"By requiring that cases be heard "within a reasonable time", the Convention stresses the importance of administering justice without delays which might jeopardise its effectiveness and credibility….."*;

*Fil-każ* ***Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali deċiż fit-22 t'April 2015***[34] *din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk –*

*"Illi f'dan ir-rigward l-awturi jisħqu li "the Court has more than once referred to 'the prominent place which the right to a fair trial holds in a democratic society within the meaning of the Convention', a consequence of which is that 'there can be no justification for interpreting article 6(1) of the Convention restrictively'"*[35]*;*
*Illi ngħad ukoll b'awtorita' mill-ogħla Qrati tagħna li d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu huma maħsuba biex jassiguraw il-ħarsien taż-żewġ prinċipji tal-ħaqq naturali tal-audi alteram partem u tan-nemo judex in causam propriam. Miżjuda ma' dan il-għan, u mhux minfloku jew bi ħsara għalih, hemm l-element tal-ħeffa raġonevoli tal-proċediment ta' kawża*[36]*;*

[33] App. Nru 11296/84 deciz fit-23 t'Ottubru 1990, para 74
[34] Rik Kost 71/10
[35] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 164
[36] Kost. 10.6.1966 fil-kawża fl-ismijiet **Leone Misraħi et vs Rosaria Cassar et** (mhix pubblikata)

*Illi d-dritt għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli, madankollu, mhuwiex xi dritt illimitat, imma huwa regolat raġonevolment bil-proċedura li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien*[37]*. Imma dan iġib miegħu wkoll li jekk il-proċedura tistabilixxi regoli biex bihom jitħaddem is-smigħ kif imiss tal-kawżi, in-nuqqas ta' tħaris tal-istess regoli a skapitu ta' xi parti għandu, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, iġib miegħu ċensura u jagħti lok għal rimedju, iżjed u iżjed jekk għan-nuqqas ta' tħaris imsemmi l-parti ma jkollha l-ebda sehem jew ħtija;*

*Illi d-dritt fondamentali tal-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa b'mod xieraq u fi żmien raġonevoli timponi fuq l-Istat li jħares id-Dritt li jassigura l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ ta' sistema effiċjenti ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja. Dan jitnissel billi l-Istat jipprovdi strutturi, riżorsi u għodod li bihom il-Qrati jkunu jistgħu jwettqu xogħolhom kif imiss. B'żieda ma' dan ingħad ukoll li l-investigazzjoni ta' dewmien fis-smigħ ta' kawża m'għandhiex issir sempliċistikament fit-termini dojoq tal-kawża partikolari, imma f'termini ferm usa' li jħaddnu ċ-ċirkostanzi kollha li fihom dik il-Qorti tkun qegħda taħdem fiż-żmien relattiv.*

*Illi b'danakollu, jekk minħabba l-inadekwatezza tal-istrutturi li tfasslu biex titħaddem il-makna tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja jbati bla ħtija ċ-ċittadin, l-Istat irid jagħmel tajjeb għal tali tbatija. Għaliex kif qalet il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'għadd ta' kawżi, meta kienet qegħda tgħarbel l-implikazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-artikolu 6 talKonvenzjoni, "... (that article) imposes on the Contracting States the duty to organise their judicial systems in such a way that the Courts can meet the requirments of this provision [**Salesi vs Italy** (26/2/1993)]. It wishes to reaffirm the importance of administering justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility [Katte Klitsche de la Grange vs Italy (27/10/1994)]"*[38]*. Aktar riċentement, dik il-Qorti kienet f'qagħda li żżid tgħallem li "whether or not the subject matter of the cases called for particular urgency in deciding them, ... it is for the Contracting States to organise their legal systems in such a way that their courts can guarantee the rights to everyone to obtain a final decision on*

---

[37] Kost. 27.6.1994 fil-kawża fl-ismijiet **Brincat vs Il-Prim Ministru et** (Kollez. Vol: LXXVIII.i.160)

[38] Ara QEDB 28.7.1999 fil-kawża fl-ismijiet A.P. vs Italja (Applik. Nru. 35265/97) § 18

*disputes relating to civil rights and obligations within a reasonable time [Horvat vs Croatia (26/7/2001)]"*[39]*;*

*(.....)*

*2. Fil-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar ir-raġjonevolezza o meno tal-perjodu li fih ikunu nstemgħu il-proċeduri kontra l-individwu konċernat għall-fini tal-protezzjoni mogħtija fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni dwar id-dritt għal smiegħ xieraq il-kuntest tal-evalwazzjoni huwa wieħed wiesgħa. Kif qalet il-Qorti fil-każ ċitat* ***Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali*** *-*

*"Illi dwar kif titkejjel ir-raġonevolezza taż-żmien fil-każ ta' proċeduri kriminali, huwa meqjus li ġeneralment dan iż-żmien jibda jgħodd ("dies a quo") mill-waqt li l-persuna ssir taf x'inhi l-akkuża li qiegħda ssir kontra tagħha, għaliex hu minn tali waqt li jibda l-interess tagħha li l-akkuża tkun determinata u maqtugħa. Dan ifisser li mhux tabilfors li ż-żmien jibda minn x'ħin il-persuna tkun mixlija formalment, iżda jista' jibda minn x'ħin il-persuna tkun mgħarrfa li qiegħda taħt stħarriġ u li tkun qiegħda tinżamm taħt arrest preventiv minħabba dak l-istħarriġ sakemm issir l għażla jekk titressaqx mixlija formalment quddiem Qorti*[40]*. Dak iż-żmien jibqa' jitkejjel sakemm ("dies ad quem") iż-żmien tal-inċertezza maħluqa bil-pendenza tal-proċedura jkun intemm. Dan iseħħ jew mal-għoti tas-sentenza li tkun jew mal-għeluq taż-żmien li minnha seta' sar appell*[41]*;"*

*3. Inoltre tali evalwazzjoni m'għandiex tiġi stabbilita in vacuum jew a bażi biss tan-numru ta' snin li tkun damet għaddejja l-kawża, imma għandha tqis ukoll iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ in ezami u ċ-ċirkustanzi kollha li l-Qorti tkun qed taħdem fihom fiż-żmien in kwistjoni.*

*L-awturi* ***Van Dijk, P.*** *u* ***van Hoof, F*** *fil-ktieb tagħhom, '****Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*** *qalu hekk -*

[39] Ara QEDB 19.12.2002 fil-kawża fl-ismijiet Culjak vs Kroazja (Applik. Nru. 58115/00) § 63
[40] QEDB 25.2.1993 fil-kawża fl-ismijiet Dobbertin vs Franza (Applik. Nru. 13089/87) §§ 9 u 38
[41] QEDB 19.2.1991 fil-kawża fl-ismijiet Angelucci vs Italja (Applik. Nru. 12666/87) § 15

*"After the length of the relevant period has been established, it must be determined whether this period is to be regarded as reasonable. In many cases the Court only makes an overall assessment, while in other cases it assesses the lapse of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot be judged in the abstract, but has to be assessed in view of the circumstances of each individual case[42]."*

*4. Fil-kors tas-snin kemm il-QEDB kif ukoll il-Qrati tagħna stabbilew diversi kriterji li tagħhom għandha tittieħed konsiderazzjoni fl-eżerċizzju msemmi.*

*Kif issottolineat din il-Qorti diversament preseduta fil-każ* ***David Marinelli vs Avukat Ġenerali***[43] *-*

*"B'mod ġenerali, biex jiġi determinat jekk is-smiegħ f'xi proċeduri quddiem il-Qorti sarx fi żmien raġjonevoli kif miktub mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha partikolari f'dawk il-proċeduri, u b'mod partikolari: 1. in-natura u/jew komplessità tal-każ in kwistjoni, 2. il-kondotta tal-partijiet fil-kawża, u 3. il-mod kif dawk il-proċeduri ġew trattati u kondotti mill-awtorità ġudizzjarja stess".*

*Fil-każ* ***Joseph Manuel Galea et vs Avukat Generali***[44] *din il-Qorti diversament preseduta kompliet hekk –*

*".....il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża "***Gatt vs Avukat Ġenerali***", deċiża fit-28 ta' Frar, 2014, għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet ġuridiċi:*

*"12. Hu ormai ben assodat, kemm fil-ġurisprudenza tal-Qrati nostrana kif ukoll f'dik tal-Qorti Ewropeja li, biex jiġi aċċertat jekk it-tul ta' żmien li ħadu l-proċeduri kienx ragjonevoli jew le għall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni għandhom jiġu eżaminati ċ-ċirkostanzi kollha partikolari tal-każ b'mod partikolari l-komplessità tal-każ li kien qed jiġi deċiż, kif ġab ruħu r-*

[42] Paġna 606 (4 edizzjoni)
[43] Rik Nru 5/08 deciz fit-3 ta' Lulju 2008
[44] Rik Nru 88/13 deciz 15 ta' Mejju 2015

*rikorrenti fil-kors tal-proċeduri li huwa qed jilmenta minnhom, kif imxew il-Qrati fil-kors tal-istess proċess u x'kellu x'jitlef ir-rikorrenti bħala konsegwenza tal-istess proċeduri, oltre, ovvjament, kemm effettivament dam biex jiġi deċiż b'mod finali l-każ. (Vide* ***Frydlender v. France*** *GC no. 30979/96, § 43, ECHR 2000-VII).*

*Għalhekk f'kawża bhal din m'għandux biss sempliċement jigi konsidrat it-tul effettiv kemm damet il-kawża biex tiġi deċiża. Għandhom ukoll jittieħdu in konsiderazzjoni fatturi oħra."*

*Fil-każ* ***Francis Theuma vs Avukat Ġenerali***[45] *kompla jingħad hekk -*

*"S'intendi, dawn il-kriterji jridu jiġu applikati għall-każ konkret u mhux fl-astratt, b'mod għalhekk li għandu jiġi eżaminat sew il-proċess li jkun qed jiġi allegat li jagħti lok għall-ksur lamentat. Ma hemmx, għalhekk, xi periodu pre-determinat, applikabbli għal kull każ, li jekk jinqabez ikun hemm ksur minħabba dewmien mhux raġonevoli".*

*Ingħad imbagħad fil-każ* **John A. Said pro et nomine vs. *Avukat Ġenerali***[46]*-*

*"Għalhekk skont dawn il-prinċipji l-ebda fattur partikolari ma huwa waħdu konklussiv, imma l-Qorti trid teżamina l-fatturi kollha separatament biex tivvatula l-effett kumulattiv fuq il-proċeduri fl-intier tagħhom sabiex tara jekk dawn ġewx magħluqa fi żmien raġjonevoli. Il-Qorti tista' ssib li fattur partikolari kien leżiv mentri fatturi oħrajn ma kienux".*

**Dwar l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni** in il-Qorti stess qalet hekk fil-każ **Gilbert Lia et vs Avukat Ġenerali et deċiż fit-28 ta' Settembru 2018** –

*"Ingħad fid-deċiżjoni tal-Qorti ta' L-Appell fl-**ismijiet Nicia Borg et vs Direttur tar-Registru Pubbliku et**. li:*

[45] App Nru 737/00 deciz fis-27 ta' Gunju 2003
[46] Rik Nru 63/10 deciz fil-11 ta' Novembru 2011

*"L-Artikolu 8 tal-konvenzjoni jpoġġi fuq l-istat l-obbligu li jirrispetta diversi interessi personali fosthom ir-rispett għall-hajja privata u familjari. Dan l-obbligu però jirrikjedi li l-istat irid jilħaq bilanċ fir-rispett bejn id-drittijiet u privileġġi ta' kull ċittadin u ċioè bilanc bejn l-obbligu ta' l-istat li jipprovdi drittijiet u privileġġi għal kull individwu u l-obbligu li jipproteġi persuni minn aġir ta' persuni privati oħrajn li jippruvaw jostakolaw it-tgawdija ta' dawn id-drittijiet.*

*Il-kompitu tal-qorti ma hux li tara jekk taqbilx mal-ligi, jew jekk, li kieku kienet hi l-leġislatur, kinitx tillegisla mod ieħor; il-kompitu tal-qorti hu li tara jekk il-liġi, kif inhi, tiksirx il-liġi ogħla li thares id-drittijiet fundamentali.*

*F'deċiżjoni riċenti din il-Qorti diversament preseduta għamlet analiżi ferm dettaljat ta' dawk li huma l-elementi kostituttivi ta' l-artikolu invokat, qalet :*

*"Illi tajjeb li jingħad li "ħajja privata" fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni għandha tifsira wiesgħa li tgħodd fiha l-aspetti tal-ħajja fiżika u soċjali tal-persuna.*

*"Thus from the beginning the Court eschewed a narrow approach which would limit private life to notions of privacy and protection from publicity, in favour of a broader approach which emphasised the ability to live one's life without arbitrary disruption of interference."*

*Madankollu, il-fatt waħdu li jeżisti tali ndħil mhuwiex raġuni ta' ksur tal-jedd imħares fl-artikolu 8, liema jedd mhuwiex wiehed assolut. It-tieni paragrafu ta' dak l-artikolu nnifsu jagħmel eċċezzjonijiet dwar meta l-indħil ma jitqiesx bi ksur tal-jedd għall-ħajja privata jew tal-familja ta' dak li jkun. Minbarra dan, huwa stabbilit ukoll li l-artikolu 8 jitfa' fuq l-Istat id-dmir ta' azzjoni pożittiva li jara li biex tabilħaqq ikun hemm ħarsien tal-jedd maħsub fl-artikolu 8 b'mezzi effettivi sabiex dan il-harsien jigi attwat.*

*Illi biex indħil bħal dak ikun "skont il-liġi", jeħtieġ mhux biss li jsir taħt is-saħħa ta' xi liġi li tkun fis-seħħ, imma wkoll li t-twettiq ta' kull għemil ma jkunx jiddependi minn diskrezzjoni bla rażan jew użata b'mod li ħadd ma jista' jobsru (unforseeable).*

*Illi, biex miżura ta' ndħil tkun titqies bħala waħda "meħtieġa f'soċjeta' demokratika", jrid jintwera li kienet waħda mnissla minn ħtieġa urġenti soċjali li tkun proporzjonali mal-għan mixtieq u prevedibbli fit-tħaddim tagħha biex tagħti ċ-"ċertezza" tad-dritt. F'dan il-waqt ta' min isemmi li l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni jitkellem dwar ir-"rispett" li l-Istat għandu juri għall-jeddijiet imsemmija f'dak l-artikolu. Dan huwa imfisser bħala obbligazzjoni passiva fuq l-istat biex ma jindaħalx bla bżonn jew b'mod eċċessiv f'dawk il-jeddijiet, bil-konsegwenza li mhux kull indħil huwa projbit sakemm ikun joqgħod mal-għanijiet maħsuba fl-artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni u jkun indħil magħmul b'mod proporzjonat ma' dawk l-għanijiet.*
*Kif ingħad "In determining whether the interference was "necessary in a democratic society", the Court refers to the principles established in its case-law. It has to consider whether, in the light of the case as a whole, the reasons adduced to justify that interference were relevant and sufficient for the purposes of paragraph 2 of Article 8 (see, inter alia, T.P. and K.M. v. the United Kingdom [GC], no 28945/95, § 70, ECHR 2001-V, and Sommerfeld v. Germany [GC], no. 31871/96, §62, ECHR 2003-VIII)."*
*Illi huwa stabbilit li fejn jidħol l-aspett tal-proporzjonalita' taħt il-Konvenzjoni "inherent in the whole of the Convention is a search for a fair balance between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights". This balancing approach known under the term of principle of proportionality has acquired the status of general principle in the Convention system."*

B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji għall-każ odjern il-Qorti tqis li –

1. Għar-rigward tad-digriet tal-14 t'Awwissu 2020 ma jirriżultax li hemm ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrenti, hija f'ebda ħin ma ġiet imċaħħda mill-aċċess għall-uliedha. Kif jirriżulta mill-atti, u kif qalet l-istess Qorti fid-digriet tat-2 ta' Diċembru 2020 –

*"...preżentament diġa' hemm viġenti bejn il-partijiet żewġ digrieti ta' din il-Qorti li jirregolaw l-aċċess illi l-partijiet għandhom għall-ulied, f'liema*

*digrieti din il-Qorti provvizorjament u pendente lite akkordat il-kura u l-kustodja tat-tfal minuri lil missier l-ulied u akkordat l-aċċess kuljum lil omm mill-erbgħa ta' filgħaxija (4.00pm) sas-sitta ta' filgħaxija (6.00pm)*[47]*."*

2. Jekk ir-rikorrentu ma użatx din l-opportunita' mogħtija lilha allura għandha ġġorr ir-responsabbilta' għaliha;

3. Inoltre, l-fatt li fir-rikors tal-14 t'Awwissu 2020 l-Qorti ordnat aċċess superviżjonat lir-rikorrenti, dan ma jnaqqasx mir-rispett lejn il-ħajja familjari tar-rikorrenti stante li hi kellha l-opportunita' li tara lil uliedha xorta waħda, anke jekk b'certa kundizzjonijiet imposti.

4. Ukoll, jekk ir-rikorrenti kellha xi dubju jew diffikulta' dwar it-tħaddim tal-ordni tal-Qorti dwar l-aċċess fid-digriet tal-14 t'Awwissu, hija dejjem kellha l-fakulta' li tagħmel rikors appożitu fejn titlob kjarifika jew direzzjoni ulterjuri mill-Qorti. Dan ma sarx. Inoltre, jekk fl-aħħar mill-aħħar, kif irrimarkat ir-rikorrenti, f'Għawdex kien hemm nuqqas ta' *social workers* biex jassistu għall aċċess dak ċertament mhuwiex nuqqas li għandha tirrispondi għalih il-Qorti;

5. Għal dak li jirrigwarda smiegħ xieraq, il-Qorti tqis li d-digriet tal-14 t'Awwissu 2020 ma jiksirx il-prinċipji protetti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

6. Mid-digriet tal-14 t'Awwissu 2020 sa meta nqara fil-miftuħ id-digriet tat-2 ta' Diċembru 2020 u ċioe' fl-14 ta' Diċembru 2020, għaddew erba' xhur. Il-Qorti tqis li ma kienx hemm dewmien irraġjonevoli fiċ-ċirkustanzi tal-każ tant li l-partijiet komplew iressqu l-provi mingħajr ħela ta' ħin, liema provi kienu utli u meħtieġa sabiex tagħti d-digriet finali *pendente lite*;

7. Mhuwhiex lanqas il-każ li r-rikorrenti ma ngħatatx opportunita' raġjonevoli sabiex tippreżenta l-każ tagħha fir-rigward tar-rikors tal-14 t'Awwissu 2020. Fl-ewwel lok, il-fatt li l-Qorti laqgħetu proviżorjament

[47] Fol 425

mingħajr ma semgħetha huwa raġjonevolment dettat minn neċessita' li tittieħed azzjoni mmedjata fl-aħjar interess tal-minuri tenut kont in-natura ta' allegazzjonijiet li saru fil-konfront tar-rikorrenti u s-sieħeb tagħha lejn l-ulied, liema allegazzjonijiet kienu *prima facie* sostnuti minn rapport ta' psikologu professjonali;

8. Huwa wkoll ironiku kif l-istess rikorrenti f'nifs wieħed tilmenta li l-Qorti laqgħet proviżorjament ir-rikors imsemmi mingħajr ma semgħetha pero' mbagħad tilmenta xorta li l-Qorti appuntat għas-smigħ dan ir-rikors fi żmien qasir ta' erbat ijiem proprju biex tismagħha għax fi kliemha ma ngħatatx iċ-ċans li tipprepara d-difiża tagħha adegwatament;

9. Mhuwhiex il-każ li kien hemm *inequality of arms* jew ksur tad-dritt li parti jkollha l-opportunita' li tressaq il-provi tagħha peress li effettivament, kif jirriżulta mill-atti, kemm hi kif ukoll Redeemer Portelli ingħataw iċ-ċans kollu biex iressqu l-provi kollha meħtieġa sabiex il-Qorti tkun tista' tagħti digriet finali. Infatti ma jirriżultax li kien hemm xi lmenti dwar dan kollu waqt is-smigħ tal-kawża;

10. Għal kull buon fini jingħad ukoll li ma hemm xejn li jippreklidi lill-Qorti milli finalment tistrieħ fuq rapport ta' espert *ex parte* jekk jirriżultalha li dan huwa kredibbli u sostanzjat mill-provi. Fil-każ ta' Dr Michael Galea, il-Qorti kellha quddiemha mhux biss ir-rapport dettaljat tiegħu iżda wkoll kellha l-opportunita' li tisimgħu bil-ġurament waqt ix-xhieda tiegħu quddiemha u kwindi anke l-partijiet kellhom kull opportunita' li jsaqsu d-domandi opportuni b'dana li għalhekk ċertament li ġie rispettat il-prinċipju ta' smigħ xieraq ai termini tal-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Di piu' ma jirriżultax mill-atti li r-rikorrenti odjerna talbet għall-ħatra ta' espert indipendenti f'dan il-qasam u lanqas ġabet provi sodisfaċenti oħra inkluż b'espert mediku *ex parte* nkarigat minnha li b'xi mod jikkontradixxu jew jiskreditaw il-konklużjonijiet raġġunti mill-pedjatra Dr Michael Galea;

11. Dwar id-digriet tat-2 ta' Diċembru 2020 ir-rikorrenti tallega li l-Qorti użat lingwaġġ fil-konfront tagħha li jimplika preġudizzju fil-konfront

tagħha. Issemmi bħala eżempju l-frażi li *"l-intimata mhux ta' min joqgħod fuqha u wisq inqas mhux ta' min joqgħod fuq dak li tgħid."*;

12. Dwar il-prinċipju tal-imparzjalita' fi kliem l-awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick fil-ktieb Law of the European Convention on Human Rights**[48] **-**

*"An impartial tribunal - 'Impartiality' means lack of prejudice or bias. To satisfy the requirement, the tribunal must comply with both a subjective and an objective test*[49]*: The existence of impartiality for the purpose of Article 6 (1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect."* [50]

13. Fil-ktieb **Human Rights in the Administration of Justice: A Manual on Human Rights for Judges, Prosecutors and Lawyers**[51] jingħad hekk-

*"As to the requirement of impartiality in article 6(1) of the European Convention on Human Rights, the European Court of Human Rights has consistently ruled that it has two requirements, namely, one subjective and one objective requirement. In the first place, "the tribunal must be subjectively impartial", in that "no member of the tribunal should hold any personal prejudice or bias", and this personal "impartiality is presumed unless there is evidence to the contrary".*[52] *Secondly, "the tribunal must also be impartial from an objective viewpoint", in that "it must offer guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect".*

[48] It-tieni edizzjoni
[49] *Hauschildt v Denmark* A 154 (1989)
[50] Paġna 290
[51] Kapitlu 4 pagna 137 (Pubblikazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti)
[52] Daktaras v. Lithuania deciz 10 t'Ottubru 2000 (ECHR)

14. Kif intqal fil-ktieb ta' **Van Dijk u Van Hoof "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights"**[53]:

*"For impartiality it is required that the court is not biased with regard to the decision to be taken, does not allow itself to be influenced by information from outside the court room, by popular feeling, or by any pressure whatsoever, but bases its opinion on objective arguments on the ground of what has been forward at the trial."*

15. Fil-kaz **Wettstein v. Switzerland**[54] il-Qorti Ewropeja tenniet:

*"41. The Court recalls at the outset that in proceedings originating in an individual application it has to confine itself, as far as possible, to an examination of the concrete case before it (see the Minelli v. Switzerland judgment of 25 March 1983, Series A no. 62, p. 17, § 35). Accordingly, in the present case there is no reason to doubt that legislation and practice on the part-time judiciary in general can be framed so as to be compatible with Article 6. What is at stake is solely the manner in which the proceedings were conducted in the applicant's case.*

*42. According to the Court's constant case-law, when the impartiality of a tribunal for the purposes of Article 6 § 1 is being determined, regard must be had to the personal conviction and behaviour of a particular judge in a given case – the subjective approach – as well as to whether it afforded sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect – the objective approach (see the Thomann v. Switzerland judgment of 10 June 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996-III, p. 815, § 30).*

*(.......)*

*44. There thus remains the objective test. Here, it must be determined whether, quite apart from the judge's conduct, there are ascertainable*

[53] 4th Edition 2006, pagna 614
[54] ECHR – 21/12/2000

*facts which may raise doubts as to his impartiality. In this respect even appearances may be of a certain importance. What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public (see the Castillo Algar v. Spain judgment of 28 October 1998, Reports 1998-VIII, p. 3116, § 45). This implies that in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge lacks impartiality, the standpoint of the person concerned is important but not decisive. What is decisive is whether this fear can be held to be objectively justified (see the Ferrantelli and Santangelo v. Italy judgment of 7 August 1996, Reports 1996-III, pp. 951-52, § 58).”*

16. Fl-isfond tas-suespost, il-Qorti ma ssibx li d-digriet tat-2 ta' Diċembru 2020 jimmanifesta xi preġudizzju suġġettiv jew oġġettiv minn naħa tal-ġudikant fil-konfront tar-rikorrenti. Il-Qorti kellha kull dritt tislet il-kunsiderazzjonijiet tagħha bażati fuq il-komportament tal-partijiet u l-provi mressqa. Dan ma jwassalx għal preġudizzju kontra l-partijiet jew kin minnhom;

17. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti ma hemmx ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni fir-rigward tad-digriet tat-2 ta' Diċembru 2020;

18. Inoltre, l-konklużjoni tal-Qorti f'dan id-digriet li takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri f'idejn il-missier *pendente lite* ma jirriżultax li hija leżiva tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Il-Qorti mmotivat id-deċiżjoni tagħha għal tali konklużjoni u fi kwalunkwe każ skont l-istess digriet l-omm kellha tibqa' qed tibbenefika minn aċċess kuljum ma' wliedha bejn l-4.00pm u 6.00pm.

Fid-dawl tas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti m'humhiex ġustifikati u għall-istess raġunijiet il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimat Redeemer Portelli huma fondati.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

1. **Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Direttur Ġenerali tal-Qrati Ċivili u Tribunali (Għawdex) filwaqt li tilqa' t-tieni eċċezzjoni tiegħu u tiddikjarah li mhux leġittimu kontradittur għat-talbiet tar-rikorrenti u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;**

2. **Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimat Redeemer Portelli;**

3. **Tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħha.**

**Onor Dr. Miriam Hayman**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Deputat Reġistratur**